L-Imnara No.17

# KRISTU RXOXT FIL-BIRGU U T-TBERIK TAL-BAĦAR

Angelo Dougall

Qegħdin isiru ħafna sforzi sabiex fostna l-Maltin jissuktaw tradizzjonijiet qodma, jew sabiex jiġu rxuxtati tradizzjonijiet folkloristiċi, kulturali, reliġjużi u oħrajn ta' wirt storiku u patrimonju ta' pajjiżna.

Għandna tabilħaqq biex inħossuna kburin u xxurtjati, li maż-żmien, tradizzjonijiet u folklor ta' fejda nazzjonali, laħaq inġabar tagħrif fuqhom, pubblikat minn kittieba kemm barranin, kif ukoll Maltin; b'hekk, drawwiet folkloristiċi u tradizzjonijiet soċjo kulturali u reliġjużi baqgħu bħala xhieda qadima ta' kontinwita' sħiħa tagħna bħala nazzjon li aħna.

Fil-ħajja tat-tradizzjoni u tal-folklor, nieħdu pjaċir meta xi drawwiet qodma li kienu għal xi żmien reqdin jew mejtin, jiġu mqajmin mill-ġdid. Ħafna tradizzjonijiet qegħdin jingħataw spinta f'parroċċi ġodda. Insemmi fost l-oħrajn, it-tradizzjoni folk-reliġjuża tat-tberik ta' l-annimali; din iċ-ċeremonja qegħda ssir popolari wisq fost il-poplu. Hemm ukoll il-kukkanja li qegħda tiġi orgnaiżżata mill-ġdid. B'hekk ukoll it-turisti jieħdu aktar interess fina waqt iż-żjarat tagħhom fostna. Iżda lanqas m'għandna ninsew li f'kull raħal jew belt hemm xi drawwiet folkloristiċi li huma partikolarment tal-lokal. Xejn anqas ġol-Birgu, belt marittima qadima bid-drawwiet tagħha.

Kienhemm sa mill-qedem, tradizzjoni ta' kull sena nhar l-Għid il-Kbir filgħodu, fejn wara li jieħdu l-ġirja bil-vara ta' Kristu Rxoxt fuq is-Sur tal-Miratur, ir-reffiegħa jgħollu l-vara fuq l-idejn, biex Kristu Rxoxt, b'dik il-bandiera tperper tperper, jiddawwar iħares lejn il-bokka tal-port sabiħ tagħna biex ibierek il-baħar!...Dak il-baħar li hu daqshekk magħġun fil-ħajja tal-Maltin! Dak l-istess baħar li fuqu mhux biss wasal San Pawl li ġabilna l-fidi nisranija, imma fih kullma hu minsuġ fl-istorja u l-wirt nazzjonali tagħna,...li tant Maltin jaqalgħu minnu l-għajxien tagħhom, bħal baħħara, sajjieda, barklori, tat-tarzna u oħrajn; il-baħar li tant iżejjen dawn il-gżejjer bi sbuħitu, u li minnu nieħdu tant muna u kullma fih għall-għixien tagħna, bid-dgħajjes, qxur tal-baħar, vapuri, laneċ, frejgatini u oħrajn... Fl-antik kien ikun fih l-iġfna, xwieni, xprunari u eluf ta qxutr tal-baħar ta' kull xorta. Tant nies jiddependu mill-baħar għall-għixien ta' kuljum, u tant hemm affarijiet f'ħajjitna li għandhom x'jaqsmu mal-baħar. Dan hu l-baħar li Kristu Rxoxt kien ibierek ġol-Birgu f'Nhar l-Għid il-Kbir filgħodu!

Kif setgħet daħlet din it-tradizzjoni antika? Hi ta' qedem kbir, li x'aktarx daħlet mar-Rodjani, li ġew refuġjati fostna ma' l-Ordni ta' San Ġwann fis-seklu sittax. F'dawk il-gżejjer Griegi ta' l-Eġew fejn għandhom rit Greig Kattoliku, hemm ukoll id-drawwa li fil-proċessjoni ta' l-Għid il-Kbir ir-reffiegħa ta' l-

istatwa ta' Kristu idawwruha lejn il-baħar, u fejn ma jkollhomx statwa idawwru ikona ta' Kristu lejn il-baħar; anzi f'xi gżejjer tal-arċipelago Grieg, ir-reffiegħa jinżlu bl-ikona fil-baħar sa qaddhom biex Kristu jbierek il-baħar!

Ġol-Birgu, qabel il-gwerra (1939-45), din iċ-ċerimonja tradizzjonali tat-tberik tal-baħar, bil-vara ta' l-Irxoxt minn fuq is-Sur tal-Miratur kienet issir kull sena. Niftakar sewwa meta zijieti kienu jeħduni biex nara din iċ-ċerimonja. Kienu jgħidu li l-istess ċerimonja kienet issir minn fuq is-Sur tal-Ponta. Din it-tradizzjoni folkloristika-reliġjuża kienet tassew qawwija u għażiża għall-poplu marittimu.

Wara l-gwerra din it-tradizzjoni reġgħet bdiet u baqgħet sejra sal-1992. Mill-1993 intesiet minn min hu nkarigat mill-proċessjoni ta' l-Irxoxt, għax wara l-ġirja ta' fuq is-Sur tal-Miratur ir-reffiegħa baqgħu għaddejjin lejn il-pjazza, u l-baħar baqa' ma tberikx!!

Kull min għandu għal qalbu dawn id-drawwiet u tradizzjonijiet tal-poplu (u aħna tal-Għaqda tal-Folklor xejn inqas), ma jistax ma jilmentax fuq nuqqasijiet bħal dawn, u wieħed jibża' li dment li tradizzjoni tonqos darba, tinqata' darba, tista' tibqa' maqtugħa u tintnesa u tmut darba għal dejjem.

Ma niktbux biss dwar il-folklor ta' dari li darba kien tagħna; għandna ħafna li għadu ħaj u hu fl-interess tagħna li jibqa' biex dan il-wirt sabiħ tal-poplu ma jispiċċax għal dejjem. Dawn huma tradizzjonijiet folkloristiċi għeżież u ta' fejda, drawwiet reliġjużi li fihom sinjifikat. Huma rabta mal-ġenerazzjonijiet tal-passat. Nisperaw li d-drawwa tat-tberik tal-baħar minn Kristu Rxoxt fil-Birgu, tibqa ssir kull sena fil-Għid il-Kbir.

Fil-paġna li jmiss jidhru:

A. Kristu Rxoxt imdawwar lejn il-baħar, fuq is-sur tal-Miratur, il-Birgu, f'Ħadd il-Għid, 1991.

B. Il-ġirja bi Kristu Rxoxt fuq is sur tal-Miratur, il-Birgu, fl-Għid il-Kbir, 31-3-1991.

(ritratti tal-awtur)

---

A



B

